# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Dicembru 2020**

**Rikors Numru : 547/2019 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**MC**

**Vs**

**VC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MC datat 6 ta' Diċembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrenti kienu iżżewwġet fid-disa u għoxrin (29) ta' April tas-sena elf disa' mija u disa' u tmenin (1989) skond ċertifikat taż-żwieġ ( anness u mmarkat Dok MC 1) u minn dan iż-żwieġ twieldu erbat itfal, illum kollha maġġorenni apparti wieħed M li għandu ħmistax-il sena.*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto għal aktar minn erba' snin hekk kif jidher u ikkonfermat fis-Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) Onor Imħallef Anthony Vella – Rikors Nru 11/15 AGV fis-6 ta' Novembru 2019 (annessa u mmarkata Dok MC 2)*

*Illi ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom għal diversi snin ma jgħixux flimkien, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi r-rikorrenti tiddikjara li l-ebda manteniment ma hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reċiproċi dwar manteniment.*

*Illi l-esponenti tirrileva illi hija tixtieq tirreverti għal kunjom xbubitha u ċioe G.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16, tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tawtorizza lil MC sabiex tirreverti għal kunjom xbubitha G.*

3. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat VC datata 6 ta' Marzu 2020 ( fol 38 ) li taqra hekk:

1. *Illi l-intimat qiegħed jagħti ruħu b'notifikat bir-rikors numru 547.2019 JPG.*

2. *Illi huwa minnu illi l-partijiet ilhom separati de facto għal aktar minn erba' snin iżda s-sentenza tal-Onorabbli l-Ewwel Qorti ġiet appellata u għadha pendenti u mhux finali kif erronjament ġie allegat fir-rikors.*

3. *Illi in vista li għad ma hemmx sentenza finali, it-talba għall-ħall taż-żwieġ kellha ssir ai termini tal-Artikolu 66 F (3).*

4. *Illi in vista li d-divorzju qiegħed jintalab fiċ-ċirkostanzi fejn il-partijiet la sseparaw konsenswalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali u lanqas sentenza ta' Qorti, kellha tiġi ppreżentata n-nota tal-avukat ai termini tal-Artikolu 66 G (2) (a) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema nota ma kienitx ġiet*

*ippreżentata mar-rikors promotur.*

5. *Illi l-intimat kien u għadu lest li jirrikonċilja ma' martu minkejja d-differenzi.*

6. *Illi huma għandhom tifel wieħed minuri bid-dritt li jirċievi l-manteniment, liema manteniment qiegħed jitħallas skont digriet pendente lite. Ebda manteniment ma huwa dovut favut il-partijiet stante li t-tnejn jaħdmu.*

7. *Illi mingħajr preġudizzju u salv għal dak li ntqal fil-paragrafi preċedenti ta' natura proċedurali, huwa minnu li jeżistu l-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għad-divorzju bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili.*

8. *Illi huwa ma għandux ibati l-ispejjeż.*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Illi ir-rikorrenti MC xehdet (vide affidavit Dok A, fol 42) illi hija iżżewwġet lill żewġha fid-29 ta' April 1989 u minn dan iż-żwieġ kellhom erbat itfal, tlieta maġorenni u wieħed minorenni. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet isseparaw u ilhom separati *de facto għal* aktar minn erba snin, għaliex huma isseparaw f'Novembru 2012. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni u li ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment dovut.

Illi r-rikorrenti MC xehdet bil-ġurament ( fol 47 ) u ikkonfermat dak li xehdet bil- proċedura tal-affidavit (Dok A, fol 42) u żiedet tgħid li l-wild li għadu minuri għadu jistudja l-MCAST.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma***

*jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*

***66B.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Rat l-artikolu 66F(3) tal-Kapitolu 16 li jiddisponi:

***3) Fejn l-ebda parti ma tagħżel li tipproċedi skont kif provdut fis-subartikolu (1) u fejn tkun diġà saret talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu, u mill-inqas wieħed mill-partijiet, wara li tkun saret dik it-talba, jagħmel talba għad-divorzju, it-talbiet għas-separazzjoni u għad-divorzju, f'kull każ, għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien mill-istess Qorti,b'dana illi l-konnessjoni tal-kawżi għandha tiġi applikata mill-Qorti mingħajr ħtieġa li ssir ebda***

***talba mill-partijiet.***

Il-Qorti tqis illi dan l-artikolu mhux applikabbli għall każ de quo stante li fil-kas in ezami gia giet ppronunzjata sentenza li pero qieghda fi stadju ta' Appell. In oltre, jingħad li r-rekwiżiti tal-artikolu 66 huma sodisfatti , stante li jirriżulta li l-partijiet ilhom *defacto* separati minn Novembru 2012.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-artikolu 66G (2)(a) tal-Kapitolu 16 li jipprovdi:

> ***(2) Ir-rikors li permezz tiegħu jinbdew il-proċeduri ta' divorzju għandu:***
> ***(a) fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-Qorti, ikun akkumpanjat b'nota li fiha l-avukat jikkonferma li huwa osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1);***

Jingħad illi fil-kawża odjerna ma kienx hemm htiega tal-imsemmija nota stante illi l-partijiet huma diġa separati b'sentenza tal-Qorti, oltre l-fatt illi l-partijiet ilhom separati *de facto* għall-aktar miż-żmien rikjest mil-liġi, u ċioe l-erba' snin rikjesti mil-liġi.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' April 1989 (Dok MC 1, fol 3) u minn dan iż-żwieġ huma kellhom erbat itfal, tlieta maġorenni u wieħed minorenni .

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' sentenza tal-Qorti datata 6 ta' Novembru 2019 I fol 5) liema sentenza giet appellata. Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet ilhom separati *de facto* sa' minn Novembru 2012, fatt mhux ikkontestat mil-intimat fir-risposta tiegħu, u ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom *de facto* separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi

sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u tawtorizza lir-rikorrenti MC sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe G u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**